

IT-TRIBUNAL GHAS-SERVIZZ PUBBLIKU

Rikors ippreżentat fid-19 ta' Novembru 2015 – ZZ vs Il-Parlament

(Kawża F-143/15)

(2016/C 068/57)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappresentant: A. Fombaron, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima

Annnullament tad-deċiżjoni ta' ċaħda tal-ilment tar-rikorrent intiż għall-annullament tad-deċiżjoni ta' xoljiment antiċipat tal-impieg tiegħu fil-Parlament Ewropew.

Talbiet

- jannulla d-deċiżjoni tad-19 ta' Awwissu 2015 ta' ċaħda tal-ilment imressaq abbażi tal-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej;
- jannulla d-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Frar 2015;
- jannulla d-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Frar 2015,
- jikkundanna lill-Parlament Ewropew għall-ispejjeż kollha tal-istanza.

Rikors ippreżentat fis-27 ta' Novembru 2015 – ZZ vs Il-Parlament

(Kawża F-146/15)

(2016/C 068/58)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappresentanti: S. Orlandi u T. Martin, avukati)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima

Annnullament tad-deċiżjoni tal-Parlament li tiċħad it-talba għal konverżjoni f'punti ta' mertu tar-rapporti ta' evalwazzjoni tar-rikorrent li ġew stabbiliti wara l-promozzjoni tiegħu għal grad AD 12.